MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 539/1995/2

**Pauline Valentino u ghall-kull interess li jista' jkollu George Valentino**

**vs**

**David Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat **ic-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi l-attrici hija proprjetarja tal-karozza Mini H-9748 li kienet qed tigi misjuqa minnha stess fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 1994 f'Salina Coast Road, limiti tan-Naxxar meta giet investita minn karozza F- 4148, liema karozza investiet ukoll karozza ohra misjuqa minn Pierre Borg, liema incident awtomobilistiku gara tort uniku tal-konvenut

b'imperizja u negligenza tal-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. (Dok 'A');

Premess illi l-attrici sofriet danni b'konsegwenza ta' dan l-incident kif ukoll fuq il-persuna taghha stess tort ta' l-istess konvenut.

Premess illi l-attrici interpellat lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti pero' baqa inadempjenti. Dok 'B' sa 'F'.

L-attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-

a) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa uniku responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 1994 f'Salina Coast Road, limiti tan-Naxxar bejn il-karozza/i misjuqa mill-partijiet ghal fuq imsemmi incident awtomobilistiku;

b) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici anke fuq persunta kif ukoll danni konsegwenzjali jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi tas-segwentement ghall-incident awtomobilistiku tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 1994 fuq riferit.

c) tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni hekk likwidati sussegwenti ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittri bonarji tal-hdax (11) ta' April, 1994, tlieta (3) ta' Mejju, 1994, sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju, 1994; tmintax (18) ta' Ottubru, 1994 u ghoxrin (20) ta' Novembru, 1994 rispettivament kif ukoll ittra ufficjali tat-tmienja w ghoxrin (28) ta' April, 1995 kontra l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici a fol 2;

Rat in**-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol 6 fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-esponenti;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat i**n-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Stephen Thake noe** a fol 7 fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent nomine ghandu interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi f'dana l-istadju jikkonsisti fil-veracita' tal-allegazzjoni tal-atturi illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u l-verifika tal-"quantum" u natura tad-danni reklamati mill-atturi.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol 78;

Rat id-digriet a fol 83;

Rat ir-rapport tal-perit mediku a fol 90;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi wara s-sentenza preliminari a fol 78 fejn il-Qorti akkollat ir-responsabilita ta' l-incident lill-konvenut, il-kawza kienet baqghet ghar-relazzjoni tal-espert mediku u provi attrici dwar id-danni.

Illi l-espert mediku ezamina lill-attrici u sab nuqqas ta' xhieda oggettiva li tikkonferma funzjoni mrazzna fid-driegh tax-xellug taghha. Fil-fehma tieghu l-attrici ma sofriet ebda dizabilita' permanenti bhala rizultat ta' l-incident imsemmi. L-espert spjega l-konkluzzjoni tieghu fit-tul waqt l-eskuzzjoni.

L-artikolu 681 tal Kap 12 jistabilixxi li l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie stabbilit mill-Qrati taghna li "r-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra" N. Ellul vs M. Caruana P.A. 28.2.2002 u ghandu jigi skartat mill-Qorti meta jkun jidher "sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli" G. Bugeja vs E. Muscat et App 23.6. 1967 Vol L1-1-390; jew jezistu bizzejjed " ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa". P. Grima vs C. Mamo App 29.5.1998. Konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati bin-nomina ta' periti perizjuri jew b'produzzjoni ex parte ta' esperti fil-materja.

Fil-kaz in ezami mill-provi prodotti mill-attrici u mill-eskuzzjoni li saret lill-espert mediku l-Qorti ma tistax tikkonkludi li s-sottomissjonijiet ta' l-attrici (ara anke in-nota taghha) huma tali li jinnewtralizzaw il-konkluzzjonijiet tal-perit jew li hi urit li huma rragjonevoli. Is-sottomissjonijiet ta' l-attrici gew skartati mill-espert u l-Qorti f'materja teknika trid toqghod fuq l-opinjoni tal-perit nominat minnha. Inoltre l-attrici ma talbitx in-nomina ta' perit addizzjonali biex tattakka l-konkluzzjonijiet tal-perit.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-attrici ma sofriet ebda dizabilita' permanenti.

Kwantu ghad-*dammnum emergens* jirrizulta li l-attrici ghamlet spejjez medici u hemm ukoll il-hsara fil-karozza li kollox jammontaw ghall Lm868.75 (ara dok a fol 16 sa 18, 20 u 25).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' tmien mija tmienja u sittin lira maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm868.75)
u tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni;

Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------